

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10460/26

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0543 (COD)
2025/0544 (CNS)

RECH 277
COMPET 760
IND 408
MI 624
EDUC 266
TELECOM 310
ENER 391
ENV 718
CLIMA 324
AGRI 491
TRANS 414
SAN 473
BIOTECH 77
CADREFIN 287
CODEC 1161

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 a) Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni b) Programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - <i>Approċċ ġenerali parzjali</i>

INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposti għall-"pakkett" ta' Orizzont Ewropa: ir-Regolament tal-PE u tal-Kunsill li jstabilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-Programm Qafas)¹, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa (il-Programm Speċifiku)².
2. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Programm Qafas tipprevedi pakkett finanzjarju ta' €175 biljun fi prezzijiet attwali għall-implimentazzjoni tiegħu għall-perjodu 2028-2034.
3. Sabiex jiġi żgurat perkors tal-investiment mingħajr xkiel, il-Kummissjoni tipproponi li tiġi stabbilita rabta stretta mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, speċjalment permezz ta' attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni li ser jappoġġaw it-twieqi ta' politika tal-FEK.
4. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew huwa responsabbli għal dawn il-proposti. Is-Sur Christian Ehler (PPE, DE) inħatar rapporteur għall-Programm Qafas u s-Sur René Repasi (S&D, DE) inħatar rapporteur għall-Programm Speċifiku.
5. Fit-12 ta' Jannar 2026, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha dwar il-proposti³.
6. Fit-22 ta' Jannar 2026, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti⁴.
7. Fis-7 ta' Mejju 2026, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti⁵.

¹ 12007/25 REV 1.

² 12005/25 REV 1.

³ 5280/26.

⁴ 9403/26.

⁵ 9391/26.

II. IL-PROGRESS LI SAR FIL-KUNSILL

8. Il-Kunsill Kompetittività kellu dibattiti ta' orjentazzjoni ddedikati rigward oqsma tematiċi marbuta ma' Orizzont Ewropa fil-laqgħat tiegħu tat-30 ta' Settembru 2025, id-9 ta' Diċembru 2025, is-27 ta' Frar 2026 u d-29 ta' Mejju 2026. Id-dibattiti ta' orjentazzjoni pprovdew gwida ġenerali u koprew is-suġġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-użu doppju, is-sigurtà u d-difiża, is-Sħubijiet Ewropej futuri, u l-istabbiliment u t-twessigħ tal-prijoritajiet strateġiċi bil-ħsieb li tintlaħaq pożizzjoni tal-Kunsill.
9. Matul il-Presidenza Daniża u dik Ċiprijotta, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (RWP) eżamina disa' testi ta' kompromess tal-Presidenza taż-żewġ proposti.
10. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2026, il-COREPER ikkonferma t-testi tal-approċċi ġenerali u stieden lill-Kunsill jilħaq qbil dwar it-testi bħala punt A f'laqgħa li jmiss. Ikkonferma wkoll it-test ta' dikjarazzjoni kif jinsab fl-ADD 1 ta' din in-nota u stieden lill-Kunsill japprova t-test ta' dik id-dikjarazzjoni bħala punt A f'laqgħa li jmiss.
11. Peress li l-Programm Qafas u l-Programm Speċifiku proposti huma parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet kollha fit-test b'implikazzjonijiet baġitarji jew li jikkorrispondu għall-elementi li jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP tqiegħdu bejn parentesi, u huma għalhekk esklużi mill-Approċċ Ġenerali parzjali sakemm isir aktar progress fir-rigward tal-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet jidhru bejn parentesi kwadri fit-test. Id-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri ta' twessigħ jiffurmaw parti minn bilanċ ġenerali u jridu jinqraw fid-dawl tal-istat attwali tan-negozjati dwar il-pakkett ġenerali tal-QFP.
12. Għandu jiġi nnutat li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KKI) huma mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni finali tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KKI) tiegħu li għandhom jiġu stabbiliti fi stadju aktar tard, wara l-eżami tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EIT. F'dan ir-rigward, hemm dikjarazzjoni tal-Kunsill fl-ADD 1 ta' din in-nota.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI FIL-PARLAMENT EWROPEW

13. L-abbozzi tar-rapporti tar-rapporteurs dwar il-Programm Qafas u dwar il-Programm Speċifiku nħarġu fit-3 ta' Marzu 2026 u ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-Kumitat ITRE fit-13 ta' Marzu 2026, u nedew formalment il-faġi sostantiva ta' skrutinju u emenda tal-Kumitat. L-adozzjoni tar-rapporti finali mill-ITRE hija attwalment prevista għall-10 ta' Settembru 2026, b'votazzjoni mill-Plenarja dwar il-mandat tal-Parlament Ewropew għan-negozjati mistennija fis-sessjoni tal-5-8 ta' Ottubru 2026.

IV. L-ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

14. L-elementi ewlenin tat-test ta' kompromess jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:
- a) Il-mudell ta' **governanza** propost isaħħaħ l-involviment tal-Kunsill u tal-Istati Membri fil-proċess tal-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi ta' Orizzont Ewropa. Il-proċess jibda b'parir mill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) dwar l-orjentazzjonijiet tar-R&I. Dan il-parir ikun ibbażat fuq previżjoni u analiżi bbażata fuq l-evidenza pprovduti fost l-oħrajn mis-servizzi tal-Kummissjoni. Dan il-parir mill-KŻER imbagħad jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' dokument strateġiku pluriennali mill-Kummissjoni. Il-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat tal-Programm fir-rwol konsultattiv tiegħu tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet tal-Programm u tikkoordina permezz ta' laqgħat konġunti mal-Kumitat Ġenerali tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), b'mod partikolari dwar il-Pilastru II.
 - b) Fost il-**prinċipji orizzontali**, it-test ta' kompromess żied paragrafi dwar il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni transfruntiera, dwar l-approċċ ta' użu doppju mid-disinn tal-Programm, dwar l-implimentazzjoni prestabbilita tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar is-sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni.

- c) It-test ta' kompromess isahha id-dispożizzjonijiet dwar is-**Sħubijiet Ewropej** billi jagħti lill-Kunsill jew lill-korpi konsultattivi tiegħu rwol ta' gwida fid-definizzjoni tal-oqsma tas-sħubijiet u billi jappella għal koerenza ma' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari għal attivitajiet ta' implimentazzjoni. It-test jiċċara wkoll l-arranġamenti kuntrattwali li fuqhom għandhom ikunu bbażati s-sħubijiet, it-tipi u l-modalitajiet tal-kontribuzzjonijiet u jintroduċi approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja aktar b'saħħtu, li jinkludi arranġamenti dwar il- monitoraġġ, it-tranżizzjoni u l-eliminazzjoni gradwali. It-test jipprevedi wkoll ammont massimu tal-Pilastru II li għandu jiġi allokat għad-diversi strumenti ta' sħubija. Is-sħubijiet huma mfassla bħala parti minn approċċ ta' portafoll koerenti u huma mistennija li jappoġġaw il-katina tal-valur sħiħa tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-attivitajiet ta' implimentazzjoni ffinanzjati taħt programmi oħra tal-Unjoni u dawk nazzjonali.
- d) Dwar is-**sigurtà tar-riċerka**, it-test ta' kompromess jintroduċi definizzjoni ddedikata u artikolu speċifiku li jistabbilixxi l-qafas għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji marbuta mal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Jiċċara wkoll il-miżuri li jistgħu jiġu applikati fejn ġustifikat, biex jiġu ddeterminati fost l-oħrajn ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni, ir-reqwiziti relatati mar-riżultati u s-salvagwardji addizzjonali. Fl-istess ħin, dawn l-istess dispożizzjonijiet ikomplu jippromwovu approċċ ibbażat fuq ir-riskju u proporzjonat matul l-implimentazzjoni tal-programm u jippreservaw il-prinċipju li wieħed ikun kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ.
- e) Fir-rigward tal-**Pilastru I (Xjenza Eċċellenti)**, it-test fih modifiki relatati mal-arranġamenti ta' ħidma u l-mandat tal-President tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u dwar il-kompożizzjoni u l-mandat tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC. Kemm għall-ERC kif ukoll għall-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), qed tiżdied enfasi speċifika fuq ir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom.

- f) Fir-rigward tal-**Pilastru II (Riċerka u innovazzjoni kollaborattivi)**, ġie ċċarat il-fokus tal-**komponent dwar is-"Soċjetà"**, inkluż l-appoġġ tal-Programm għall-partijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB), kif ukoll il-koerenza mal-komponent dwar il-"Kompetittività". It-test ta' kompromess jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw approċċ bilanċjat bejn azzjonijiet ta' riċerka kollaborattiva minn isfel għal fuq u suġġetti predefiniti minn oqsma strateġiċi.
- g) Fir-rigward tal-**Pilastru III (Innovazzjoni)**, ir-rwol tal-manigġers tal-programm tal-**Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)** ġie speċifikat aktar, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni ta' portafolli tal-innovazzjoni b'riskju għoli. Fatt importanti huwa li t-test rivedut jinkludi l-possibbiltà li l-**EIC jappoġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġija profonda kritika b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża**, sa ammont limitat tal-baġit tal-Pilastru III, filwaqt li jiċċara l-komplementarjetajiet mal-FEK.
- h) Fir-rigward tal-**Pilastru IV (Żona Ewropea tar-Riċerka)**, il-Kunsill jew il-korpi konsultattivi tiegħu ngħataw rwol fid-definizzjoni tal-oqsma għall-appoġġ tal-kostruzzjoni jew l-ispejjeż kbar ta' aġġornament tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija. It-test ikompli jiċċara r-rwol strateġiku tal-fora tal-infrastruttura rilevanti u jintroduċi kriterji marbuta mal-evidenza ta' kapaċitajiet ġodda u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
- i) Fir-rigward tal-**Twessigħ**, wara separazzjoni parzjali tad-dispożizzjonijiet rilevanti mill-Presidenza, jiddaħħlu aktar speċifikazzjonijiet fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ, b'mod partikolari l-kontinwazzjoni ta' strumenti ta' suċċess u l-istabbiliment possibbli ta' oħrajn ġodda. It-test ta' kompromess isaħħaħ ukoll l-oġġettiv ta' konverġenza sostnuta fil-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u li jkompli l-progress madwar l-Unjoni. Għal għadd kbir ta' delegazzjonijiet, il-qbil dwar dawn id-dispożizzjonijiet huwa marbut mill-qrib mal-istat attwali tan-negozjati dwar il-pakkett ġenerali tal-QFP.
- j) Fir-rigward tar-**Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni**, il-formulazzjoni dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà ġiet iċċarata, flimkien ma' aktar irfinar tad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-proposti.

- k) Fir-rigward tal-**komitoloġija**, il-proċedura ta' eżami ġiet miżjuda għall-konfigurazzjonijiet kollha, għajr għall-programm ta' ħidma tal-ERC. Iddaħħlet klawżola "ta' ebda opinjoni", li tipprevjeni l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni meta l-Kumitat tal-Programm ma jagħti l-ebda opinjoni.

III. KONKLUŻJONI

15. Il-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) huwa mistieden:

- jilħaq qbil dwar l-Approċċ Ġenerali parzjali tal-Programm Qafas kif jinsab fid-dokument 10464/26, bħala punt A;
- jilħaq qbil dwar l-Approċċ Ġenerali parzjali tal-Programm Speċifiku kif jinsab fid-dokument 10465/26, bħala punt A;
- japprova t-test tad-dikjarazzjoni kif jinsab fl-ADD 1 ta' din in-nota, bħala punt A.
